MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 617/2002/1

**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.**

**IMHALLEF:**

**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 31 t' Ottubru, 2003.**

**Kawza Nru: 31.**

**Citaz Nru: 617/02 JA.**

**Michael u Margaret Calleja.**

**-vs-**

**Tarcisio Calleja.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fid-29 ta' Mejju, 2002 , li bih l-atturi ppremettew:

Illi b' konvenju datat sitta (6) ta' Marzu, 2002 li baqa' jiggedded sat-tnejn (2) ta' Mejju, 2002 Tarcisio Calleja intrabat li jbiegh u jitrasferixxi a favur l-atturi Michael u maru Margaret Calleja il-fond maghruf bhala numru hamsa (5) "Croppers" sitwat fi George Borg Olivier Street, San Giljan;

Illi l-konvenut Tarcisio Calleja gie interpellat sabiex b' ittra ufficjali datata tletin (30) t' April, 2002 sabiex jaddevjeni ghall-att tal-bejgh relattiv izda inutilment;

Illi l-atturi ghadhom jinsistu li jsir il-kuntratt ghat-trasferiment tal-propjeta' fuq imsemmi mill-konvenut;

Ghalhekk l-atturi jitolbu lill-din l-Onorabbi Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut naqas kif kien obbligat li jersaq ghall-kuntratt ta' bejgh u trasferiment tal-propjeta' numru hamsa () "Croppers" fi George Borg Olivier Street, San Giljan u dan skond it-termini kollha miftiehma tal-konvenju fuq imsemmi;

2. Tikkundannah sabiex jersaq ghall-att ta' trasferiment tal-propjeta' fuq imsemmija cioe' numru hamsa (5) "Croppers". Triq George Borg Olivier Street, San Giljan u dan fit-termini kollha miftehma u in esekuzzjoni tal-konvenju precitat;

3. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-atti kollha relattivi f' dik id-data, hin u lok li tigi ffissata minn dina l-Qorti u tinnomina kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 t' April, 2002 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u b' riserva ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attrici;

Semghet l-Avukat tal-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut, u b' referenza ghat-tielet talba tinnomina lin-Nutar Bartolomeo Micallef biex jippublika l-att opportun, li ghandu jigi ppubblikat fil-5 ta' Dicembru, 2003 f' nofs inhar fl-edificcju tal-Qorti, u lill-Avukat Dottor Audrey Demicoli bhala kuratur tal-kontumaci.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------